

# Delitti fin-Naxxar fis-Seklu Dsatax

*minn Joseph Azzopardi*

L-ewwel każ li niltaqgħu miegħu hekk kif bdiet it-treġija Ingliża f'Malta għandu d-data tad-9 ta' Novembru, 1800. X'kienet l-istorja sew tad-delitt ma nafux, iżda minn ittra miktuba mill-Imħallef u mibgħuta lill-avukat fiskal tal-Qorti Kapitanali tal-Imdina għandna ħjiel tal-kundanna.

Il-Kummissarju Kaptan Alexander J. Ball kien approva dak li kien kiteb u talab l-Imħallef dwar żewġ ħallelin Grazzju Gauci magħruf bil-laqam tal-Vaj minn Ħal-Għargħur u Ġamri Galea magħruf bħala l-Ħafi min-Naxxar.

It-tnejn ġew ikkundannati għall-eżilju minn Malta. Tal-ewwel kellu jiġi wkoll iffrustat fit-toroq ta' Ħ'Attard, tan-Naxxar u Ħal-Għargħur, u wara jiġi eżiljat għal dejjem. It-tieni, Galea, kien ikkundannat ukoll li jinżamm ħmistax-il ġurnata ħabs, jiekol u jitmantna minn flusu u li ma jitħalliex jiġri bil-lejl. L-imħallef kien talab li Gauci sa kemm jiġi eżiljat kellu jinżamm fil-ħabs għax seta' jagħmel xi reat ieħor jew jaħrab mill-ġustizzja.

### Inċident marbut mal-Milizzja tan-Naxxar

Fil-lejl ta' bejn il-15 u 16 ta' Settembru, 1802, Francesco Mariano, Naplitan, kien seraq il-lampier tal-fidda mill-knisja tal-Floriana. Sakemm kien qed jistenna li jgħadduh ġuri, il-gvernatur għażlu bħala bojja bil-patt, li wara t-tneħħija ta' ċertu Salvu Farrugia, jitlaq minn Malta u jekk qatt jerġa' jirfes lura, jittella' l-qorti għad-delitt li kien wettaq.

Lil Salvu Farrugia, magħruf bil-laqam Tal-Isqallija, minn Ħal-Balzan, kienu sabuh ħati li qatel lil Mikiel Attard. Għalquh fir-Rabat fl-inħawi fejn illum hemm Pjazza Forka nhar it-18 ta' Ottubru, 1802. Kien hemm jaraw din l-eżekuzzjoni folol kbar ta' nies. Kollox tmexxa taħt il-ħarsien tal-Milizzja tan-Naxxar.

Kienet id-drawwa li meta l-ġisem mejjet tal-iġġustizzjat jaqa' fl-art, wieħed mill-fizzjali jersaq lejh u jagħtih dik li jgħidulha l-coup de grace, jiġifieri jisparalu f'rasu biex imut żgur. Ġara li, waqt li l-fizzjal tar-riġment tan-Naxxar ġibed il-pistola minn ħżiemu, laqat il-grillu, u l-balla laqtet lill-bojja Francesco Mariano, li ma kienetx laħaq warrab, u dan waqa' hu wkoll mejjet fl-art. Dan kien l-aħħar wieħed li għalqu fir-Rabat, u l-Konfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat ħadet ħsieb id-difna tat-tnejn.

### Il-Qtil ta' Salvu Grech minn ħuh Ġużeppi

Delitt ieħor magħruf sew fir-raħal u li nħolqu ħafna stejjer fuqu, kien dak ta' Ġużeppi Grech min-Naxxar li ġie akkużat li qatel lil ħuh Salvu fit-Telgħa tal-Għaqba fil-lejl tas-6 ta' April, 1825, fil-festa ta' San Girgor. Ir-raġuni tad-delitt x'aktarx kienet l-għira u sar fl-istess triq fejn kien sar il-qtil ta' Dun Alwiġ Decelis, għoxrin sena qabel.

Dan kien l-ewwel ġuri bi tlett imħallfin, skont il-proklama tal-11 ta' April, 1825, li kienu Dott. Ġużeppi Calcedonio

Debono, Dott. Claudio Vincenzo Bonnici, u Dott. Lorenzo Caruana. Il-Prosekuturi kienu Dott. Giovanni Vella u Dott. Gio Battista Satariano. L-avukat difensur kien Dott. Filippo Torreggiani. Il-ġuri dam sejjer tlett ijiem, billi dan id-delitt kien sar fis-satra tal-lejl u f'post imwarrab għall-aħħar, ma tantx kien faċli li kien jinqabad il-qattiel. Iżda l-ġustizzja xorta rnexxielha ssib ħafna provi.

L-ewwel prova kienet li fuq it-tiben fejn kien raqad Ġużeppi Grech kienu sabu biċċa xalla sewda imċappsa bid-demm. Il-biċċa l-oħra tax-xalla instabet fuq il-mejjet. Fid-dar fejn kien joqgħod kienu sabu wkoll il-ħwejjeġ li kellu fuqu dik il-lejla tad-delitt, u li kienu għadhom imċappsin bid-demm. Kienu sabu wkoll il-qmis midfuna fid-demel fl-istalla u li kienet imċappsa bid-demm, l-aktar fil-komma tal-lemin. Fix-xhieda tiegħu waqt l-aċċess beda jgerfex u sal-aħħar ma qal xejn konkret. Ġie li kien jitkellem ma' nies li kienu jżuruh il-ħabs u kien tagħhom x'jifhmu ili hu kien il-qattiel.

Sabuh ħati u ġie kkundannat għall-mewt. Ġie ġġustizzjat it-Tnejn, 16 ta' Mejju, 1825 fis-sitta u nofs ta' filgħodu. Wara qatagħulu idejh il-leminija u qeduha fuq il-post fejn kien sar id-delitt, fi Triq l-Għaqba. Indifen f'qabar komuni taħt il-forka fuq it-tomba tal-Floriana. Il-bojja kien il-Kalabriż Michele Prestisiacomo.

### Delitt jumejn qabel il-Festa tal-Bambina

Jumejn qabel il-Festa tar-raħal kien sar delitt li ċajpar xi ftit il-festa. Dan id-delitt kien sar minn Ġulju Frendo ta' 33 sena magħruf bil-laqam Ta' Minka. Kien bniedem mill-agħar u kriminal mill-kbar. Kien magħruf li kellu x'jaqsam mat-tifla tiegħu stess u li kien għamel aktar minn delitt wieħed. Iżda billi kulħadd kien jibża' minnu ma tantx kienu lesti jixhdu kontih. Miegħu kien akkużat ukoll ħuh Ċikku Frendo ta' 20 sena. Ġew mixlija quddiem l-imħallfin Sir John Staddart, li kien il-president tal-Qorti, Dott. Giovanni Vella, u Dott. Gio Battista Satariano, li fil-lejl tas-6 ta' Settembru, 1835, kienu qatlu lil Ġamri Mifsud.

Fil-ġurnata tad-delitt, kien hemm ukoll Wistin Galea u Salvu Pisani it-tnejn mill-Mosta. Ftit qabel daqqet l-*Ave Maria* ta' dik il-lejla, l-erbat irġiel kienu qegħdin iduru minn ħanut għall-ieħor tal-inbid fir-raħal ikantaw, jgħannu u jittantaw lin-nies. Wara bdew igaraw il-ġebel lejn il-kelb ta' ċertu Giuseppe Pirotta. X'ħin il-kelb ta' Pirotta beda jinbaħ kemm jiflaħ, Frendo beda jħeġġeġ lil sabu biex iwaddbu aktar ġebel, għax billi ma kienux mir-raħal ħadd ma kien jafhom. Ġara li dak il-ħin li Frendo waddab ġebla lejn il-bejt tad-dar, feġġ Ġamri Mifsud li kien ġar ta' Pirotta li beda jgħajjat u qallilhom li setgħu jolqtulu xi wieħed mill-ħamest itfal li kellu jew lil martu li kienu reqdin fis-setaħ. Dak il-ħin Ġulju ħataf il-mus li kien f'idejn Wistin Galea u mar fuq Mifsud u beda jtih bih. Mifsud instema' jgħajjat "ajma, ajma, qtiltni għal xejn b'xejn". Sa dak il-ħin kienu inġabbru ħafna nies. Wara li nstemet ix-xhieda ta' mart il-mejjet u ta' bosta ġirien, Ġulju nstab ħati u ġie kkundannat għall-mewt bil-forka. Ħuh Ċikku ġie lliberat. Il-ġuri dam sejjer tlett ijiem. Dendluh il-Floriana nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru, 1835 u difnuh fiċ-ċimiterju tal-Blata l-Bajda fejn illum hemm iċ-ċentru tal-MUSEUM. Il-bojja kien il-Kalabriż Michele Prestisiacomo.




*Dettall ta' mappa tal-imgħoddi li turi l-inħawi ta' Casal Nasehar.*